# Il-Madonna tas-Sacro Cuor meqjuma barra tas-Sliema



Tony Terribile

Il-qima lejn it-titlu Marjan, Madonna tal-Qalb ta' Ġesù, bdiet fi Franza, fl-aħħar snin tas-seklu dsatax u fi ftit żmien ġriet madwar id-dinja kollha.

F'kull pajjiż li daħlet, dejjem sabet xi devot li bena xi kappella, poġġa xi kwadru jew statwa fi knisja, jew waqqaf xi sodalità f'ġieħ il-Madonna tal-Qalb ta' Ġesù.

Fil-gżira tagħna din il-qima daħlet permezz tal-kuntatti bejn Malta u Franza u bosta Maltin, saċerdoti u lajċi, żergħu din il-qima f'inħawi differenti tal-gżejjer tagħna.

Bla dubju ta' xejn Dun Pawl Vella kien wieħed mill-ewlenin ta' din il-qima Marjana li xettilha u kabbarha fl-inħawi fejn illum insibu l-limiti tal-Parroċċa tagħna. Barra dan il-qassis mill-Belt Valletta kien hawn Maltin oħra li mxew fuq l-istess passi.

L-ewwel każ insibuh fil-Parroċċa tas-Sannat Għawdex fejn fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Margerita niltaqgħu ma' altar f'ġieħ il-Madonna tas-Sacro Cuor. Dan twaqqaf fl-1886 minn Dun Salv Vella u l-familja, ħut il-Kappillan Dun Ġwann Andrea Vella.

Fuq dan l-altar naraw 'il-Madonna bil-Bambin b'qalbu f'idejha u dan il-kwadru tpitter minn Mikiel Bellanti. Qabel, dan l-altar kien iddedikat lil Marija Assunta flimkien ma' San Feliċ u San Pawl.

Altar ieħor iddedikat lill-Madonna tas-Sacro Cuor, insibuh fil-Parroċċa ta' San Publiju l-Furjana. Dan jinsab fuq in-naħa tal-lemin ta' l-altar maġġur u fuqu naraw kwadru mill-isbaħ impitter minn Pietro Galardi, pittur Taljan li kien attiv ħafna fil-gżejjer tagħna fl-aħħar snin tas-seklu dsatax. F'dan il-kwadru iżda wieħed josserva li l-Bambin m'huwiex f'ħoġor il-Madonna iżda ħdejn saqajha. L-istess hi l-istatwa tal-Madonna meqjuma fl-istess kappella. Din l-istatwa hi artistika ħafna u hi magħmula mill-injam u tidher li hi xogħol barrani. Fl-imgħoddi, il-Pia Unione della Madonna del Sacro Cuore imwaqqfa f'din il-Parroċċa, kienet tiċċelebra festa kbira Marjana, f'din il-Knisja Parrokkjali f'Ħadd it-Trinità.

L-istess każ insibuh fil-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar fejn il-kappellun ta' Ġesù Kurċifiss naraw sotto kwadru tal-Madonna tas-Sacro Cuor impitter minn Giovanni Battista Conti. Dan il-post ħa l-post ta' kwadru ikbar li kien pitter Ġużeppi Cali u li llum jinsab fil-Mużew tal-Parroċċa.



*L-istatwa tal-Madonna tas-Sacro Cuor ta' l-Isla*

Dan il-kwadru għandu rabta ma' fratellanza li twaqqfet f'Ħaż-Żabbar fil-11 t' Ottubru 1875. Din kienet tagħmel il-festa f'Ħadd it-Trinità u kienet magħrufa bħala "Tad-Duttrina" għar-raġuni li fiha bosta tfal kienu jagħmlu l-Preċett, u kif ukoll għax taħt il-kwadru li semmejna, kien isir it-tagħlim tad-Duttrina. Barra dan, fl-istess knisja hi meqjuma statwa tal-kartapesta tal-Madonna tas-Sacro Cuor, maħduma minn Carlo Darmanin. Meta fl-imgħoddi din il-festa kienet tiġi ċċelebrata f'Ħaż-Żabbar, il-Banda Maria Mater Gratiae kienet tieħu sehem kbir u attiv, u għalhekk sal-lum fil-każin tal-banda msemmija, għadu meqjum kwadru tal-Madonna tal-Qalb ta' Ġesù.

Fil-Parroċċa ta' l-Isla, wieħed isib ukoll altar magħruf min-nies ta' l-Isla bħala "Tas-Sacro Cuor" għar-raġuni li fuqu naraw statwa mill-isbaħ tal-Madonna tħaddan f'idejha lil Ġesù, f'qalbu, f'idejn il-Madonna. Din l-istatwa hija tifkira tal-Pia Unione Nostra Signora del Sacro Cuore li twaqqfet f'din il-

Parroċċa fl-1884. F'din is-sena bdiet ukoll tiġi ċċelebrata din il-festa Marjana fil-belt ta' l-Isla.

Is-sagristan Ġużi Abela magħruf bil-laqam "Il-Luranju" kien strumentali biex din il-qima Marjana tkun kbira f'din il-belt tal-Kottonera. Bil-ħidma tiegħu saru bosta opri li wieħed għadu jista' jara sal-lum f'din il-knisja bħal ma huma n-niċċa ta' l-istatwa, il-ventaltar, il-kartelli tal-Glorja u ħwejjeġ oħra tal-fidda. Ma' dawn inżidu l-istandard u l-istatwa artistika miġjuba minn Franza li kopja tagħha wieħed jista' jara fuq l-oqbra ta' l-istess Pia Unione, fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata.

Id-devozzjoni tal-Madonna tas-Sacro Cuor daħlet ukoll fil-Parroċċa ta' Ħ'Attard permezz tal-Kappillan Dun Ġwann Bonnici li kien il-mexxej pastorali ta' dan ir-raħal bejn l-1876 u l-1887.

Kien dan il-kappillan li fl-1878 irregala statwa tal-Madonna tas-Sacro Cuor lil din il-Parroċċa u beda kull sena jiċċelebra festa solenni f'Ħadd it-Trinità. F'din il-festa kien isir ukoll il-Preċett, kien isir ukoll il-logħob tan-nar u jindaqqu l-marċi mat-toroq tar-raħal. Maż-żmien tant kibret din il-festa li bdew jibżgħu li jinħoloq partit u għalhekk ġiet ikkontrollata.

Kien ukoll l-istess Kappillan Dun Ġwann Bonnici li waqqaf f'din il-Parroċċa l-Pia Unione del Signora del Sacro Cuore, u bosta nies mir-raħal inkitbu f'din l-Unione.

Fiż-Żejtun il-qima lejn dan it-titlu daħal permezz tan-nobbli Margerita Manduca. Din bniet knisja sabiħa, li ż-Żwieten laqmuha bħala "Il-Knisja tas-Sinjuri" u hekk għadha magħrufa sal-lum. Hi knisja mill-isbaħ, devota u marbuta man-nies ta' l-inħawi. Il-benefattriċi tagħha ndifnet fiha u fuq l-altar tagħha wieħed jista' jara statwa oħra artistika magħluqa f'niċċa li turi lill-Madonna tħaddan f'idejha lil Ġesù b'qalbu f'idejha.

Knisja oħra ddedikata lill-Madonna tas-Sacro Cuor qiegħda fir-Rabat Għawdex magħquda mal-Casa Madre tas-Sorijiet Franġiskani ta' Malta, magħrufa bħala "Ta' l-Istilla".

Din hi knisja oħra sabiħa, devota u miżmuma tajjeb u marbuta ħafna man-nies ta' l-inħawi u ma' l-istess sorijiet.

Altar ieħor iddedikat lill-Madonna tas-Sacro Cuor wieħed jista' jarah fil-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa. din il-knisja nbniet fl-aħħar snin tas-seklu dsatax meta din id-devozzjoni kienet fl-aqwa tagħha f'dawn il-gżejjer u għalhekk dan l-altar hu xhieda oħra ta' dawk iż-żminijiet. Ħasra li l-kwadru fih xogħol medjokru ħafna.

Tifkira oħra ta' din id-devozzjoni nsibuha fil-knisja parrokkjali l-qadima ta' San Ġiljan magħrufa bħala "Ta' Lapsi". Fis-sagristija ta' din il-knisja hu meqjum kwadru uniku u interessanti fl-istess ħin għax fih naraw lill-Madonna b'Ġesù ħdejn saqajha u b'qalbu f'idejha, imdawra bis-sħab u taħt hemm ix-xena ta' gżira żgħira b'bini fuqha qisu monasteru, u fuq in-naħa l-oħra hemm numru ta' siġar. Lejn il-monasteru jidħru mexjin ġemgħa ta' pellegrini. Jista' jkun li din hi xena Franċiża u l-monasteru li fih twieldet din id-devozzjoni minn Patri Ġulju Chevalier.

Kwadru ieħor tal-Madonna tas-Sacro Cuor, jinsab fis-sagristija tal-Knisja ta' Sant'Elena Birkirkara mpitter minn Ġużeppi Bonnici, l-istess pittur li kien pitter titulari l-qadima tal-Parroċċa tagħna.

Fil-Ħamrun din id-devozzjoni kienet ukoll qabdet għeruq fondi tant hu hekk li Carlo Darmanin ġie mqabbad jagħmel statwa iżda għal xi raġuni din l-istatwa ġiet trasformata biex tkun il-Madonna ta' Rużarju, kemm hu hekk jekk wieħed iħares u jifli sew din l-istatwa jintebaħ mill-ewwel li hemm xebh perfett ma' l-istatwa titulari tagħna.

Statwa oħra tal-Madonna tas-Sacro Cuor, iżda tal-ġebel, wieħed jista' jara f'niċċa bejn il-pilastri maġġuri tal-Knisja ta' Sant'Antnin ta' l-Imġarr Għawdex.

Fit-toroq tagħna wkoll wieħed jista' jara niċeċ u statwi tal-Madonna tas-Sacro Cuor.

Kif inhu xieraq l-akbar għadd jinsab f'tas-Sliema fi Triq San Vinċenz, Triq il-Karmnu, Triq Rudolph u Sqaq Sant'Elena, iżda l-Madonna tas-Sacro Cuor hi wkoll meqjuma f'żewġ niċeċ oħra 'l barra minn tas-Sliema.

L-ewwel waħda qiegħda Triq Santa Katerina l-Imqabba u l-oħra fi Triq Nejder Ħal Kirkop.

Dawn ix-xbihat kollha li rajna huma l-aqwa xhieda, li meta fl-aħħar snin tas-seklu dsatax din id-devozzjoni waslet fil-gżejjer tagħna, sabet hawnhekk art fertili ħafna, li llum aħna għadna ngawdu l-frott tagħha.



*Il-kwadru tal-Madonna tas-Sacro Cuor ta' Ħaż-Żabbar*